MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 134/2014

Appell Nru: 134/2014

Il-Pulizja

(Spettur Fabian Fleri)

Vs

Peter Camilleri

Peter Paul Camilleri

Jesrit Angel Camilleri

Carren Camilleri

Joseph Medina

Illum 29 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati, Peter Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 42856M, Peter Paul Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 515289M, Jesrit Angel Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 515389M, Carren Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 335280M, Joseph Medina, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 53265M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-25 ta' Settembru 2011, ghal habta ta' 02 :30hrs, gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala, volontarjament hebbew ghal-persuna ta' il-Kuntistabbli tal-Pulizija 684 Francis Formosa u kkagunawlu fertiti ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr. Christian Zammit MD ta' l-isptar Mater Dei ;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe li minghjar li hsieb li jqotlu jew li jqieghdu il-hajja tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 847 Jurgen Zerafa f'perikolu car, ikkagunaw offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tieghu urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom ;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hebbew ghal-persuna ta' PC847 Jurgen Zerafa u kkagunawlu feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Anthony Mifsud MD tac-Centru Tas-Sahha ta' Rahal Gdid ;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq il-Kuntistabbli tal-Pulizija 684 Francis Formosa u il-Kuntistabbli tal-Pulizija 847 Jurgen Zerafa, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
5. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' zewg ufficjali tal-Korp tal-Pulizija u cioe il-Kuntistabbli tal-Pulizija 684 Francis Formosa u il-Kuntistabbli tal-Pulizija 847 Jurgen Zerafa, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz ;
6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' il-Kuntistabbli tal-Pulizija 684 Francis Formosa u il-Kuntistabbli tal-Pulizija 847 Jurgen Zerafa, jew ma hellewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi moghod iehor, bla

jedd, indahlu fi dmirijiethom, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi giebu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi moghod iehor li jkun :

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qalu kliem oxxen fil-pubbliku
8. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser volontarjament il-bon-ordni w l-kwiet pubbliku.

Carren Camilleri wahdu akkuzat ukoll talli :

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. datata 30 ta' Ottubru 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet genitilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-14 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti:

> Wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338(dd),17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Peter Camilleri hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerjia li b'applikazzjni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kiminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Peter Camilleri mhux hati tal-ewwel (1), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.
>
> Wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli, 214, 216, (1)(a)(b)(d)(2), 222(1)(c), 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338dd),17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Peter Paul Camilleri hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerjia li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tliet (3) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Peter

Paul Camilleri mhux hati tas-sitt u tas-seba' mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338dd), 338(ee), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Jesrit Angel Camilleri hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) tas-sitt (6) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerjia li b'applikazzjni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kiminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentenjn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Jesrit Angel Camilleri mhux hati tal-ewwel (1) u tas-seba' mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338dd),17, 31 u 49 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil-imputat Carren Camilleri hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputati kollha u tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u tikkundannah erbatax (14) –il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum.  Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Carren Camilleri mhux hati tal-ewwel (1), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338dd),17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Medina hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Joseph Medina mhux hati tal-ewwel (1), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

> B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputati kollha b'obligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) ghal zmien tnax (12) –il xahar millum milli jimmolestaw jew jivvessaw lil PC 684 Francis Formosa u lil PC 847 Jurgen Zerafa.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

Tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellati:

- Peter Camilleri mhux hati tal-ewwel, is-sitt u s-sebgha imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u hati tat-tieni, tielet, raba, hames u tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu
- Peter Paul Camilleri mhux hati tas-sitt u s-sebgha imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames u t-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu
- Jesrit Angel Camilleri mhux hati tal-ewwel u s-sebgha imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u t-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu
- Carren Camilleri mhux hati tal-ewwel, mis-sitt u s-sebgha imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames u tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu
- Joseph Medina mhux hati tal-ewwel, mis-sitt u s-sebgha imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames u tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu

filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellati u cioe' fil-parti fejn kkundanat lil:

- Peter Camilleri ghal tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn;
- Peter Paul Camilleri ghal ghoxrin xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin;
- Jesrit Angel Camilleri ghal tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn;
- Carren Camilleri ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn;
- Joseph Medina ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

u minflokk tghaddi sabiex tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva li hija aktar ekwa u gusta konsiderando ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-20 ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu ghal piena ferm miti erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-konfront ta' l-appellati. Dana qieghed jinghad il-ghaliex, ghalkemm il-piena hija wahda fil-parametri tal-ligi, tali piena inflitta fuq l-appellati ma tirrispekjax il-gravita tar-reati li taghhom instabu hatja, li b'kull dovut rispett, fl-ahjar interess tal-gustizzja kellha tkun dik ta' prigunerija effettiva u dana anke fid-dawl tal-kazistika ta' dina l-Onorabbli Qorti

Illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat s-segwenti:

> *"Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputati hebbew u attakkaw zewg membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu qeghdin jaghmlu xogholhom izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputati agixxew b'dan il-mod meta kienu fi stat ta' sokor u li huma lkoll ghandhom fedini penali nodfa jew relattivament nodfa u fic-cirkostanzi jidrilha li l-piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja".*

Illi f'dan ir-rigward jibda biex jinghad illi *ormai* huwa principju ben stabillit fil-gurisprudenza taghna illi l-fatt illi l-hati jkun fis-sakra waqt il-kommissjoni ta' xi reat ma ghandhux isservi bhala gustifikazzjoni jew difiza ghalih u ghall-agir tieghu[1]. Lanqas ma ghandha isservi bhala xi kunsiderazzjoni ghal mitigazzjoni tal-piena. Illi b'hekk isegwi illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex tikkunsidra l-istat ta' sokor tal-appellati sabiex il-piena karcerarja fil-konfront taghhom ma tkunx wahda effettiva izda tigi sospiza;

Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jaghmel referenza ukoll ghal diversi kazistika ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward ta' piena meta si tratta ta' reati li jinvolvu l-vjolenza fuq il-persuna. Illi f'dan ir-rigward dina l-Onorabbli Qorti irriteniet illi meta si tratta ta' vjolenza fizika fuq il-persuna (partikolarment meta jkun hemm offiza jew tentattiv ta' offiza fuq il-persuna) ir-regola ghandha tkun dik ta' piena karcerarja b'effett immedjat.

> *"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat (emfazi tal-esponent). Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika"*[2].

[1] Dana dejjem salv illi ma jkunx applikabbli s-subartikolu 34(2) tal-Kodici Kriminali – liema subartikolu ma huwiex applikabbli fil-kaz odjern tant illi dan qatt ma tqajjem mill-appellati.

[2] Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datat 30 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet *il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi*

Illi fil-kaz odjern jirrizulta illi l-vittmi soffrew diversi griehi. PC Formosa gie ccertifikat illi sofra minn griehi ta' natura gravi u dana wara li kiser il-polz ta' idejh. Min-naha l-ohra PC Zerafa ghalkemm gie iccertifikat li soffra biss minn griehi hfief jirrizulta ukoll illi l-ikbar ammont tal-griehi li sofra jinsabu fir-ras (dana hekk kif jirrizulta mir-ritratti ipprezentati a fol. 298, 305, 306, 307 tal-atti processwali odjerni). Feriti li jindikaw illi l-intenzjoni tal-appellati kienet dik illi jikkawzaw griehi ta' natura gravi fuq l-imsemmi kuntistabbli u dana specjalment meta wiehed jikkunsidra li fil-maggor parti taghhom dawn il-griehi gew subiti wara li l-istess kuntistabbli gie mixhut ma' l-art. Illi l-esponent jirrileva ukoll illi din it-tip ta' vjolenza saret minghajr l-ebda forma ta' provokazzjoni jew gustifikazzjoni u ghaldaqstant ai termini tal-kazistika hawn fuq citata ghandha tkun punita b'piena karcerarja effettiva u mhux sospiza (hekk kif erogat l-ewwel Onorabbli Qorti fil-kaz odjern);

Illi in oltre tali vjolenza saret fuq zewgt membri tal-pulizija nkarigati mis-servizz publiku waqt il-qadi ta' dmirijiethom. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghal kazistika ta' dina l-Onorabbli Qorti li invarjabilment tiddikjara illi persuna inkarigata mis-servizz pubbliku u, bhalma hu fil-kaz odjern, jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti, (bhalma normalment jahmlu l-pulizija fil-kors normali tad-doveri taghhom) ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita' mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija effettiva. F'dan ir-rigward fost l-ohrajn issir referenza ghas-sentenzi mghoti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet: **Pulizija vs. Stephen Mamo** (23.7.2010) u **Pulizija vs. Ivan (John) Felice** (4.6.2002);

Illi konsiderando dak suespost kif ukoll il-fatti *specie* tal-kaz odjern hekk kif deskritti iktar 'il fuq f'dan ir-rikors t'appell, l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-konfront ta' l-appellati u cioe' piena ta' prigunerija sospizia (minflok effettiva) mhijiex idoneja u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz u fid-dawl tal-kazistika hawn fuq citata. Dana qieghed jinghad ukoll fid-dawl tal-grad tal-vjolenza uzata kontra l-membri tal-korp tal-pulizija (fejn sahansitra wiehed minnhom soffra ferita ta' natura gravi u l-iehor attentat ta' ferita gravi) waqt il-qadi ta' dmirijiethom u minhabba li kienu qed jaghmlu l-imsemmi dmirijiethom.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda incident illi gara fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' billejl (2.30 a.m.) wara riceviment ta' tieg go Villa Sant Anna, Triq il-Qaliet, Marsascala. Dan l-incident gara

wara argument bejn zewg mistednin Maria Azzopardi u Chantelle Previ li wara illi bdew jghajjru lil xulxin indahlu l-familja sabiex ikomplu jaggravaw is-sitwazzjoni. Fuq il-post dettaljati extra duty kien hemm PC 684 Francis Formosa u PC 847 Jurgen Zerafa. Malli dawn iz-zewg pulizija indunaw illi kien qed jinqala' argument illi kien ser jiskala fi vjolenza intervjenew sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Però n-nies daru kontra taghhom u tawhom xebgha bil-ponn u bis-sieq tant illi PC 684 Francis Formosa spicca b'feriti gravi waqt illi PC 847 Jurgen Zerafa spicca b'feriti hfief. L-appellati gew imressqa l-Qorti in konnessjoni ma' dan l-incident u b'sentenza tal-erbatax (14) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellati hatja ta' diversi akkuzi migjuba kontra taghhom u ikkundannathom ghal terminu ta' prigunerija sospizi.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi filwaqt illi l-ewwel Qorti ghamlet sew illi sabet lill-appellati hatjin kellha timponi piena karcerarja effettiva u mhux sospiza stante s-serjetà ta' dan l-incident illi kien jinvolvi membri tal-korp tal-pulizija illi kienu bl-uniformi qed jaqdu dmirhom u minn fuq, ghal xejn b'xejn, gew attakkati u soggetti ghall-vjolenza ingustament.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-Difiza illi l-piena qieghda fil-parametri tal-ligi u l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk jirrizultalha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Izda l-Avukat Generali argumenta illi dan huwa kaz serju fejn zewg membri tal-korp tal-pulizija bl-uniformi illi kienu fuq id-doveri taghhom gew attakkati ghal xejn b'xejn u ingustament mill-appellati peress illi deherilhom illi l-prezenza taghhom hemmhekk ma kinitx desiderabbli. Ovvjament agir bhal dan ma jistax jigi ittollerat u l-Qrati taghna dejjem agixxew b'mod sever kontra min juza l-vjolenza u aggressjoni kontra persuni ohra, aktar u aktar kontra membri tal-korp tal-pulizija illi jkunu qeghdin jaqdu dmirhom.

Sabiex il-Qorti tezamina sew il-lanjanza tal-Avukat Generali trid tikkonsidra l-paragrafu dispozittiv fejn l-ewwel Qorti tat il-konsiderazzjoni taghha il ghala deherilha illi kellha timponi piena karcerarja sospiza. Dan il-paragrafu jinsab a fol 439 tal-atti u l-ewwel Qorti qalet, "Ghal finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat li l-imputati hebbew u attakkaw zewg membri tal-korp tal-pulizija illi kienu qeghdin

jaghmlu xoghlhom izda ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputati agixxew b'dan il-mod meta kienu fi stat ta' sokor u li huma ilkoll ghandhom fedina penali nodfa jew relattivament nodfa u fic-cirkostanzi jidhrilha li piena karcerarja sospiza tkun aktar piena idonea." Minn dan il-paragrafu jidher car illi filwaqt li l-ewwel Qorti qieghda tirrikonoxxi s-serjetà tal-azzjoni tal-appellati donnha iggustifikathom peress illi agixxew b'dak il-mod meta kienu fi stat ta' sokor.

Ikkunsidrat:

Salv dak li jinghad fis-subartikolu 34(2) tal-Kodici Kriminali liema subartikolu ma japplikax ghall-kaz odjern, is-sokor ta' persuna ma ghandha sservi qatt bhala skuzanti jew gustifikazzjoni ghal azzjoni kriminali aktar u aktar meta din l-azzjoni hija diretta kontra persuna taht forma ta' vjolenza fizika. L-ewwel Qorti kienet taghmel sew kieku ftakret fit-taghlim fid-Dritt Ruman illi "qui peccat ebrius, luat sobrius" u cioé min jaghmel il-hazin meta jkun fis-sakra jrid ihallas ghalih meta ma jkunx. L-impozizzjoni ta' sentenza sospiza mhiex hlas bizzejjed ghal min juza l-vjolenza fizika kontra persuni ohra u l-Qorti trid tghaddi l-messagg ta' determinazzjoni u severità kontra min, ghal xejn b'xejn, jinfexx fi vjolenza kontra persuna ohra. Hawnhekk, il-Qorti tajjeb illi taghmel riferenza ghal dak illi jinghad fis-sentenza Il-Pulizija versus Joseph Azzopardi deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2004, "Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-qrati tal-gustizzja kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex decisiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika." M'hemm dubbju illi l-appellati urew arroganza u prepotenza grassa kontra zewg pulizija illi kienu fuq xoghlhom jippruvaw jikkalmaw sitwazzjoni illi potenzjalment setghet tizviluppa f'xi haga serja u minn fuq, l-appellati daru ghalihom u tawhom xebgha kif irrizulta mic-certifikati esebiti f'dawn l-atti.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi f'dawn ic-cirkostanzi l-piena ta' prigunerija sospiza mhiex wahda idonea u ghalhekk jidhrilha illi ghandha tiddistuba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta din applikat il-provvediment tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi billi tilqa′ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f′dik il-parti fejn sabet lill-appellati hatjin tal-akkuzi migjuba kontra taghhom bid-diversi responsabiltajiet differenti kif esposti fl-istess sentenza, izda tirrevokaha f′dik il-parti tal-piena fejn applikat il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna illi t-termini ta′ prigunerija kif imposti mill-ewwel Qorti ghandhom ikunu effettivi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------